

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Keolis CIF u r-rikorrenti l-oħrajn li isimhom jidher fl-anness għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk esposti mill-Kummissjoni Ewropea.

(<sup>1</sup>) ĠU C 239, 24.7.2017.

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-12 ta' Lulju 2019 — MAN Truck & Bus vs EUIPO — Halla Holdings (MANDO)

(Kawża T-698/17) (<sup>1</sup>)

(“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali MANDO — Trade marks internazzjonali u nazzjonali figurattivi preċedenti MAN — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti Man — Raġuni relativa għal rifjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”*

(2019/C 305/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: MAN Truck & Bus (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Röhl, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Ivanauskas u D. Walicka, sussegwentement J. Ivanauskas u H. O'Neill, aġġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Halla Holdings Corp. (Yongin-si, il-Korea t'Isfel) (rappreżentanti: M.-R. Hirsch u C. de Haas, avukati)

## Sugġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Lulju 2017 (Każ R 1919/2016-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Man Truck & Bus u Halla Holdings.

## Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-13 ta' Lulju 2017 (Każ R 1919/2016-1), hija annullata sa fejn ikkonkludiet l-assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni bejn it-trade mark MANDO u r-regiſtrazzjoni internazzjonali preċedenti Nru 863 418 tat-trade mark figurattiva MAN.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud
- 3) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż tagħha stess.

(<sup>1</sup>) ĠU C 437, 18.12.2017.